**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 218 / 2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Carmelo Deguara**

Illum 28 ta' Lulju 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Carmelo Deguara bin Carmelo u Maria Carmen xebba Tonna imwieled England nhar it-24 ta' Settembru, 1974, residenti gewwa 24, Puffin, Triq iz-Znuber, Attard, u detentur tal-karta tal-identita' bin numru 575390 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Nhar it-22 ta' Novembru, 2020, ghal habta ta' 09:30hrs u fil-hinijiet ta' qabel, fl-inhawi tal-Maghtab limiti tan-Naxxar, uza jew kellu fil-pussess tieghu waqt attivita' ta' kacca jew insib xi gass jew xi apparat elettriku jew elettroniku specjalment l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u dan bi ksur tal-A.L. 79/2006 art 7 (1)(d) u art 7 (2) ta-SL 549.42 tal Ligijiet ta' Malta.

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm u xi mezz li l-uzu tieghu huwa pprojbit mill-paragrafu (1) ta' r-regolament 7 (1) ta' l-A.L. 79 ta' 1-2007 kif sussegwentement emendat tal-SL 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' 1-2006 hekk kif emendat, tordna s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-ligijiet tal-Pulizija, ghall perjodu applikabbli taht 1-A. L. 79 ta' 1-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar l-20 t' April, 2022, fejn il-Qorti wara li rat ir-regolament 7 (1)(d) u (2) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentement ikkundannatu ghall-piena ta' €500.

Il-Qorti, fit-termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, ordnat ukoll s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Carmelo Deguara minnu pprezentat fil-5 ta' Mejju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi, u

rigwardanti l-piena, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-aggravji dwar il-mertu, f' każ li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija, illi tvajra u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliggi piena al termini tal-Iskeda VIII tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal Ghasafar Selvaggi, u/jew aktar ekwa u gusta skond il-każ.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi fl-ewwel lok l-esponenti umilment jikkontendi illi fil-perjodu mertu tac-citazzjoni, ossia, 22 ta' Novembru 2020 mhux kwalunkwe użu ta' bird caller kien projbit iżda bl introduzzjoni tal-A.L.399 tal-2020, b' mod partikolari regolament 7(j) l-użu tal-bird caller ghall-ghasafar tal-ghana kien koncess. Kwindi fid-dawl tal-premess u tal-fatt li l-prosekuzzjoni naqset milli tispecifika ta' x' hiex kien tali bird caller, l-akkużi kif dedotti ma jirriżultawx.

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, in ogni caso, l-prosekuzzjoni ma gabitx prova sal-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni li l-esponenti kien qieghed effettivament jaghmel użu mill-bird caller li rriżulta mhux ikkontestat li kien ta' terza persuna, i.e. ta' Louis Borg. U ghaldaqstant, l-esponenti kellu jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija.

Fit-tielet lok, u strettament minghajr pregudizzju dwar l-ewwel aggravju, l-esponenti umilment jikkontendi illi tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-każ u n-natura tal kontavvenzjoni, l-piena li kellha tinghata kellha tkun dik amministrattiva ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) skond l-iskeda VIII tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal Ghasafar, l-piena ta' sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-taqsima XV tal-Kodici tal Ligijiet tal-Pulizija ghal żmien sentejn, kien wahda skorretta stante li wara l-emendi ricenti kellha tigi

sospiża biss il-licenzja rilevanti, u in ogni caso, il-piena li inghatat kienet wahda eccessiva.

**1) Tisfir irrekordjat minn qabel tal-ghasafar tal-ghana versus speċi ta' ghasafar ohra**

Illi l-esponenti umilment jissottometti illi filwaqt li huwa ben edott mir-regolament 7(1)(d) tal-L.S. 549.42 li johloq projbizzjoni generali fuq l-użu tal-birdcallers, madanakollu fl istagun ta' bejn 1-20 ta' Ottubru 2020 u l-20 ta' Dicembru 2020[1] kienet inharget Legislazzjoni sussidjarja, 399 tal-2020 li kienu inhargu r-*Regolamenti tal-2020 dwar il Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (Qafas Li jippermetti Deroga ghal Ricerka fuq Seba' Speči tal-Ghasafar tal-Ghana sabiex tigi Stabbilita l-Popolazzjoni ta' Referenza ta' Malta)*[2] fejn al termini tal-istess regolamenti u kundizzjonijiet tal-licenzja l-użu tal-bird caller ta ghasafar tal-ghana kien permess. Infatti ir-regolament 7(j) tal-LS. 399 tal-2020 jawtorizza specifikament l-użu ta' dawn it-tip ta' bird callers u jghid:

> "*(j) tillimita l-pussess u, jew, l-użu tat-tisfir tal-ghasafar irrekordjat minn qabel ghall ghasafar tal-ghana biss,*"

Illi fid-dawl tal-provi prodotti, kif ukoll tal-fatt li l-akkuża hija dwar it-22 ta' Novembru 2020, din l-osservazzjoni hija wahda detrimentali ghal każ in kwistjoni stante li fl-ebda hin il-prosekuzzjoni ma specifikat x' tip ta' bird caller kien qed jinstema fiż-żona. In oltre, meta effettivament l-pulizija sabet dan il-bird caller, liema bird caller meta instab kien mitfi, la I-kuntistabbli PC 1507 Borg li dahhal l-NPS report u lanqas is-surgent ma specfikaw x' birdcaller kien, u lanqas ma xeghlu tali bird caller biex jikkonstataw jekk tali bird caller kienx tal-ghasafar

[1] Dati specifikati fil-L.S. 549.138
[2] S.L.549.137

tal-ghasafar, li a tenur tal-L.S.399 tal-2020 kien permissibli, jew inkella jekk kienx per eżempju tal-pluvieri li l-użu tieghu ma kienx permess.

Illi l-esponenti umilment jissottometti illi una volta li fid-data mertu tal-akkuża mhux kwalsiasi użu ta' bird caller kien projbit, il-prosekuzzjoni li fuqha hemm l-oneru tal-prova kellha l-obbligu li tispecifika x' tip ta' bird caller biex effettivament tkun tista' tinstab htija. Huwa pincipju bazilari li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ taghha sal-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni u tali livell żgur ma jistghax jinghad li intlahaq bil-provi li tressqu mill-prosekuzzjoni. Anzi l-esponenti jirrileva li l-NPS report u t-testimonjanza tas-surgent 1030 Theuma jhallu dubju serju dwar jekk tali allegat użu tal-bird caller mill-esponenti kienx wiehed illegali jew le, u tali dubju, ghandu jmur favur l-imputat bi dritt, li ghandu jigi liberat mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

**2) Użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar (bird caller)**

Illi a skans ta' kwalsiasi ekwivoci l-esponenti umilment jissottomett illi dan it-tieni aggravju qed jitressaq il-quddiem strettament minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju.

Dwar l-allegazzjoni tal-użu ta' bird caller, l-esponenti umilment jissottometti illi, kif del resto jirriżulta anke mit-testimonjanza ta' PS1030 Clint Theuma, meta l-pulizija waslu fuq is-sit in kwistjoni fejn kien hemm l-esponenti u Louis Borg il-bird caller in kwistjoni kien mitfi u ma kienx qieghed jintuża, Kwindi multo magis, f' dak l-istadju ma jistax jinghad li l esponenti kien qieghed jaghmel użu mill-bird caller. L-istess surgent però jallega fix xiehda tieghu li ftit qabel ma waslu fuq is-sit, izda x' hin kienu fiż-żona, huma semghu l-bird caller mixghul.

Mill-banda l-oħra l-esponenti jixhed u jgħid li meta mar ħdejn Louis Borg, ma kien hemm l-ebda bird caller mixgħul fuq is-sit, u di più ma kienx jaf li Louis Borg kellu bird caller.

L-esponenti umilment jissottometti illi minn eżami akkurat taż-żewġt testimonjanzi analizzati, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha partikolari għandu jirriżulta li l-allegazzjoni tas-surġent li ftit qabel il-bird caller kien mixgħul ma twassalx għal livell ta' prova rikjest mill liġi u f' ċertu bnadi hija wkoll inverosimili. Kwindi anke fuq dan il-fattur biss l-esponenti għandu jiġi liberat.

Illi infatti, mill-bqija tat-testimonjanza tas-surġent, tenut kont b' mod speċjali l-ambjent u d-distanza, għandu jirriżulta li l-istess uffiċjal qatt ma kien f' posizzjoni li jidentifika li tali bird caller li kien qed jisma' kien effettivament ġej mis-sit fejn kien hemm l-esponenti. Illi in oltre, jiġi sottolineat wkoll illi kif jirriżulta mir-rapport tal-NPS li ġie esebit f' dawn il proċeduri, waqt l-istess ronda fl-istess zona u fl-istess rapport il-pulizija kienu sabu minn tal-inqas żewġt individwi oħra li wkoll kienu qed jużaw bird caller - Vincent Sciberras li kellu bird caller u speaker, u Peter Muscat li kellu bird caller aħdar.

Dan id-dettal huwa kruċjali għaliex juri li:

- kien diffiċli jekk mhux impossibli li s-surġent jikkonkludi li l-bird caller in kwistjoni ta' Louis Bord kien mixgħul ukoll stante li fl-istess żona kienu qed jinstemgħu minn tal-inqas 2 bird callers oħra li ġew eventwalment skoperti mill-pulizija fl-istess ronda;
- dan kollu jikkorrobora wkoll dak li qal l-esponenti fix-xiehda tiegħu li fil-mument li ġew il-pulizija fuq is-sit, il-bird caller ta' Louis Borg ma kienx mixgħul; u
- anke jekk għall-grazzja tal-argument u għall-grazzja tal-argument biss, wieħed kellu b' xi mod jikkonċedi li l-bird caller ta' Louis Borg kien

effettivament mixghul ghal xi hin qabel ma waslu l-pulizija fuq is-sit, il-fatt li fl-istess żona kien hemm bird callers ohra attivi u kienu qed jinstemghu wkoll jkomplu jxejnu t-teżi tal prosekuzzjoni li l-esponenti effettivament u xjentament kien qieghed jaghmel użu minn bird caller.

Illi apparti minn hekk, u strettament minghajr pregudizzju ghall-argumenti supra, bir-rispett, anke jekk ghall-grazzja tal-argument wiehed jemmen u jabbracja t-testimonjanza tas-surgent tal-pulizija u jiskarta x-xiehda tal-imputat, l-esponenti umilment jissottometti illi l-interpretazzjoni legali li jidher li inghatat mill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex instabet htija hija bir-rispett skorretta.

Dan qed jinghad ghaliex in ogni caso is-semplici fatt li individwu ikun hdejn terza persuna iehor li jkollu bird caller tieghu mixghul u jinstema fiż-żona ma jfissirx awtomatikament li allura dak l-individwu huwa hati li ghamel użu minn tali bird caller ta' terzdan iktar u iktar meta l-individwu ma jkollu l-ebda kontroll fuq l-istess bird caller, il-bird caller ma jkunx visibbli u/jew fil-vicinanzi, meta ż-żona in kwistjoni hija wahda ghall-apert fil-kampanja u meta fl-istess zona jinstemghu iktar bird callers, b' dan allura li huwa diffici wkoll ghall-istess individwu biex jiddecifra u jidentifika jekk il-hoss/ it-tisfir li jkun qed jisma' ikunx gej minn xi ghalqa partikolari jew le

Illi biex wiehed jinstab hati li ghamel użu minn bird caller (meta tali bird caller irriżulta li ma kienx tieghu u fejn is-sid tal-istess li kien fuq il-post a tempo vergine assuma r responsabilità tieghu), bhal kull reat iehor irid jigi pruvat sia l-element formali kif ukoll dak materjali tar-reat. Illi dwar l-element materjali digà gie sottomess iktar il-fuq li l esponenti xehed u kkonferma bil-gurament tieghu li xhin mar huw fejn Louis Borg, il-bird caller ta' Louis Borg ma kienx mixghul. Di più, l-verżjoni tas-surgent ma tilhaqx il-livell tal prova ta' minghajr dubju dettat mir-raguni minhabba li irriżulta li kien iktar bird callers li kienu qed jintużaw fiż-

żona u minhabba li fil-mument li s-surgent wasal fuq is-sit hdejn l-esponenti l-bird caller li sabu ta' Louis Borg kien mitfi.

Illi dwar l-element formali, l-esponenti umilment jikkontendi li lanqas hawn il-prosekuzzjoni ma rnexxielha tipprova dan l-element, u dan stante li rriżulta li l-esponenti ma kellu l-ebda kontroll kwalsiasi fuq il-bird caller li instab mohbi go hajt, fit-tarf tal-ghalqa u l' boghod minn fejn kien l-esponenti. Dan il-fattur flimkien mal-fatt li fiż-żona setghu jinstemghu bird callers ohra ta' terzi persuni juru li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova n-ness bejn l-bird caller in kwistjoni u l-użu tieghu da parti tal-esponenti.

Apparti minn hekk, huwa bir-rispett ragunament skorrett li ghaliex mis-sit fejn individwu ikun qed jikkacja jew jonsob jinstema' bird caller ta' terz, li fuq l-invidiwidu ma ghandu l-ebda kontroll kwalsiasi, huwa jigi processat u kkundannat ghal użu ta' bird caller, minhabba s-semplici fatt li fil-post fejn kien qieghed jonsob jew jikkacja kien qed jinstema' l-bird caller!

Illi jigi umilment sottomess illi tali ragunament qieghed johloq responsabilità kriminali by omission liema kuncett huwa wiehed estranju ghad-dritt penali taghna u f' dawk l-istanzi izolati fejn crime by ommission huwa kontemplat fil-ligi taghna, dan huwa f' cirkostanzi ferm differenti minn dawn in kwistjoni, f' sitwazzjonijiet fejn l-individwu jkollu obbligu legali li jagixxi u in ogni caso ikun indikat car fl-istess ligi li n-nuqqas tal-individwu li jagixxi jikkostitwixxi reat.

**3) Aggravju dwar piena**

Illi l-esponenti umilment jissottometti bir-rispett illi, strettament minghar pregudizzju ghall-aggravji supra dwar il-mertu, il-piena in kwistjoni ghall-uzu ta' bird caller kellha tkun ta' penali ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) stante li l-

użu ta' birdcaller jaqa' taht l-Iskeda VIII, u ghalih il-piena indikata hija ta' €250. In oltre, l-istess reat amministrattiv ma jistipola l-ebda sospensjoni tal-licenzja relevanti ma' sejbien ta' htija, iżda bl-emendi ricenti tas sena 2022 giet introdotta s-sistema tal-punti penali fuq il-licenzja, fejn apparti l-multa ta' €250 f' każ ta' pussess jew użu ta' birdcaller jitnaqqsu 3 punti.

Illi l-esponenti huwa edott mill-fatt illi una volta li l-esponenti ma gabilx mal-avviż ta' hlas ta' multa ghar-reat taht Skeda Vill datat 2 ta' Dicembru, 2020, u una volta li ma ntavola l-ebda appell quddiem it-Tribunal Amministrattiv, huwa kien ser jigi suggett ghal dawn il-proceduri kriminali odjerni. Madanakollu, il-fatt li l-esponenti jigi processat u ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) dan ma ghandux ifisser li l-esponenti jigi suggett ghal piena akbar nonostante li r-reat baqa' l-istess u ghadu dak skedat taht Skeda VII.

Illi jibda biex jinghad illi l-artikolu 27A tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal- Ghasafar jibda bil-kliem "Minkejja kwalunkwe haga li tinsab f' dawn ir-regolamenti ghal procedimenti u pieni dwar reati liema dicitura turi bic-car li l-applikazzjoni ta' penali amministrattivi ghar-reati indikati fl-iskeda VIII hija prevalenti.

Illi tant l-intenzjoni tal-legislatur kienet li tali penali amministrattivi jibqghu japplikaw, anke jekk il-każ jigi processat mill-Qorti tal-Magistrati ai termini tal-artikolu 27 tar Regolamenti, li l-proviso tal-paragrafu 3 tar-regolamenti 27 A jaghmel referenza ghas sistema tal-punti penali fil-licenzja - sistema li ghar-reati ohra li ma jinkwadrawx taht l-iskeda VIII ma tapplikax.

Infatti insibu testwalment li f' każ li l-persuna ma taccettax ir-responsabilità ghar-reat u jittiehdu procedimenti ordinarji skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 27:

*"Il-perijodu ta' sentejn (2) ghandu jibqa' jghodd u l-punti penali relatati ma' dak ir-reat in kwistjoni ghandhom jiżdiedu ma' kwalunkwe punti penali li l-akkużat seta' akkumula, u ghandhom jitnaqqsu biss mit-total tieghu jekk jinheles mill akkużi migjuba kontrih."*

Dan kollu juri li l-intenzjoni tal-legislatur hija li anke jekk persuna tigi processata ghar-reat taht l-iskeda VIII skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 27, il-piena relattiva ghal tali reat li jaqa' taht l-iskeda VIII tibqa' dik indikata fl-istess skeda tant li l-istess legislatur jibqa' jaghmel referenza ghas-sistema tal-punti tal-licenzja anke meta jitkellem dwar proceduri penali ai termini tar-regolamenti 27.

Illi kwindi l-esponenti umilment umilment jissottometti illi f' każ ta' htija l-piena ghandha tkun dik kontemplata fl-iskeda VIII u mhux il-multa ta' €500 li nghatat piu s-sospensjoni tal-licenzja.

Illi in oltre, u strettament minghajr pregudizzju ghall-argumenti dwar l-applikazzjoni tal penali taht l-iskeda VIII, l-esponenti umilment jissottometti illi anke jekk dina l-Onorabbli Qorti ma tabbracjax is-sottomissjonijiet tal-esponenti, in ogni caso, ai termini tal-istess regolament 27 kif ricentament emendat, l-esponenti ma ghandux ikollu l-licenzji kollha sospizi, iżda se mai ghandu jkun hemm is-sospensjoni tal-licenjza rilevanti biss u mhux ta' kull licenzja kif iddeciedit l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi f' kull każ ukoll il-piena moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-każ hija wahda ferm oneruza u ghandha tinghata piena iktar miti u gusta skond il-każ.

Semghet lill-partiijet jitrattaw il-kawza u dan fis-seduta precedenti.

**Ikkunsidrat,**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwardja l-punt illi f'22 ta' Novembru, 2020 mhux kwalunkwe uzu ta' *bird caller* kien projbit izda bl-introduzzjoni tal-A.L. 399 tal-2020, b'mod partikolarli regolament 7(j), l-uzu tal-*bird caller* tal-ghana kien koncess. L-appellant qieghed isostni illi l-prosekuzzjoni naqqset milli tispecifika ta' x'hiex kien tali *bird caller* u ghalhekk l-akkuzi kif dedotti ma jirrizultawx.

Din il-Qorti taghat harsa lejn ir-regolament sucitat u cioe' 7(j) tal-A.L. 399 tal-2020 li jistipula s-segwenti:

> *'7. Kull liċenza speċjali maħruġa skont dawn ir-regolamenti għandha:*
> …..
> *(j) tillimita l-pussess u, jew, l-użu tat-tisfir tal-għasafar irrekordjat minn qabel għall-għasafar tal-għana biss;'*

Skond il-Legislazzjoni Sussidjarja 549.138, intitolata 'Ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Droga li tippermetti Perjodu ta' Riċerka fuq Seba' Speċi tal-Għasafar tal-Għana sabiex tiġi Stabbilita l-Popolazzjoni ta' Referenza ta' Malta)', il-perjodu li fih kellha tapplika tali deroga kien bejn l-20 t' Ottubru, 2020 u l-20 ta' Dicembru, 2020:

> *'Għall-għanijiet li jiġu stabbiliti d-dati u t-tul tal-perjoduta' riċerka skont ir-regolament 4 tal-Qafas Regolatorju, u għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-perjodu ta' riċerka għall-ispeċirelevanti għas-sena 2020 għandu jkun ta' tnejn u sittin (62) jum* ***mill-20 ta' Ottubru 2020 sal-20 ta' Diċembru 2020****, iż-żewġ dati inklużi,għall-Verdun (Chloris chloris), Taż-Żebbuġ (Coccothraustescoccothraustes), Sponsun (Fringilla coelebs),*

*Ġojjin (Linariacannabina), Ekru (Spinus spinus), Gardell (Carduelis carduelis) u Apparell (Serinus serinus):*

*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jieqfu milli jkollhom effett u l-ebda attività ta' riċerka magħandha tkun permessa jekk il-Ministru jordna, b'avviż fil-Gazzettajew bi kwalunkwe avviż ieħor, li l-perjodu ta' riċerka għandu jintemmimmedjatament jew f'data kif speċifikata mill-Ministru. Il-persuni bil-liċenza kollha għandhom jiġu infurmati minnufih dwar din l-iskadenza permezz tas-servizz ta' messaġġi bil-miktub (SMS) fuqin-numru indikat minn dik il-persuna fl-applikazzjoni għall-liċenzaspeċjali*

Huwa minnu illi l-appellant gie akkuzat li wettaq tali reati nhar it-22 ta' Novembru, 2020 u ghalhekk jaqa' fiz-zmien tat-terminu sucitat. Madankollu, huwa minnu wkoll illi l-prosekuzzjoni fl-ebda hin ma specifikat jew gabet prova li tixhed x'tip ta' *bird caller* kien il-*bird caller* mertu ta' din il-kawza. Tant hu hekk, li PS 1030 Clint Theuma, meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti nhar l-20 t'April, 2020 gie mistoqsi b'mod specifikat: ***'Tiftakar x'kien il-hoss tal-ghasfur irrekordjat?'*** u hu wiegeb ***'Il-hoss tal-ghasfur ma nafx x'kien.*** Oltre minn hekk, qas biss jidher li l-pulizija xeghlet il-*bird caller* sabiex tikkonferma jekk l-istess *bird caller* kienx tal-ghasafar li ghalihom kien permissibbli li jintuza *bird caller* jew le. Lanqas ma ngab sabiex jixhed Louis Borg li kien prezenti meta l-pulizija marru fuq il-post u li anke assuma r-responsabbilta' tal-*bird caller*.

Fil-kamp kriminali, kif inhu ben saput, il-prosekuzzjoni trid iggib l-aqwa prova u ghandha ggib quddiem il-Qorti kemm il-provi favur, kif ukoll kontra l-akkuzat. Il-Qorti trid tkun konvinta lil hinn minn kull dubju ragonevoli u fin-nuqqas, kull dubbju ghandu jmur favur l-imputat. Din il-Qorti ghandha d-dubbji taghha fuq il-*bird caller* mertu ta' din il-kawza u dan ghaliex il-prosekuzzjoni ma rnexxilix

tipprova minghajr dubbju dettat mir-raguni jekk l-istess *bird caller* kienx wiehed permissibli bil-ligi dak iz-zmien *o meno*. Ghaldaqstant ghandu ragun l-appellant jargumenta illi ma tistax tinstab htija fil-konfront tieghu u dan minhabba r-raguni ndikata *supra*.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant Carmelo Deguara u ghalhekk qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet aggravji tal-istess appellant u sussegwentament thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant Carmelo Deguara minn kull htija u piena.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur